



Brussell, 10 ta' Marzu 2023  
(OR. en)

7173/23

**ENT 46**  
**CHIMIE 19**  
**MI 175**  
**IND 95**  
**CONSOM 69**  
**SAN 123**  
**ENV 211**  
**COMPET 180**

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 5225/23 + ADD 1 - D 084711/2
Suġġett:	Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tosiċi għar-riproduzzjoni (CMR) soġġetti għal restrizzjonijiet - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

- Fl-10 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq, li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006<sup>1</sup> (REACH), f'konformità mal-Artikoli 68(2) u 133(1) tiegħu.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1) (verżjoni konsolidata: 17/12/2022);

2. Is-sustanzi kklassifikati bħala CMR huma elenkti fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008<sup>2</sup> (Regolament CLP). L-entrati 28, 29 u 30 tal-Anness XVII tar-REACH jiprojebixxu t-tqegħid fis-suq u l-użu, għall-forniment lill-pubbliku ġenerali, ta' sustanzi li huma kklassifikati bħala CMR. Għaldaqstant, l-Appendiċijiet 2 u 6 tal-Anness XVII tar-REACH jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jirriflettu l-klassifikazzjoni l-ġdida tas-sustanzi bħala CMR fir-Regolament CLP, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/692<sup>3</sup>.
  3. Fit-13 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 5a(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, il-Kumitat ivvota b'mod unanimu favur il-miżura.
  4. Fil-11 ta' Jannar 2023, id-delegazzjonijiet intalbu jindikaw sat-28 ta' Frar 2023 l-oppożizzjoni possibbli tagħhom għall-abbozz ta' Regolament. L-ebda delegazzjoni ma qajmet xi raġuni għal oppożizzjoni.
  5. Skont il-proċedura fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE<sup>4</sup>, qabel ma jiġu adottati formalment mill-Kummissjoni, tali abbozzi ta' miżuri jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal skrutinju. Jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu opponew l-abbozzi ta' miżuri, l-abbozz ta' Regolament għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni  
sad-9 ta' April 2023.
  6. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jikkonferma n-nuqqas ta' oppożizzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Regolament, kif jinsab fid-dokument ST 5225/23 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.
- 

<sup>2</sup> Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1) (verżjoni konsolidata: 17/12/2022);

<sup>3</sup> Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/692 tas-16 ta' Frar 2022 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 129, 3.5.2022, p. 1);

<sup>4</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovd i-l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23); Il-verżjoni konsolidata attwali hija tat-23/07/2006.